# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 18**

**Rikors numru 106/16 MCH**

**Alberto Raji-Chang**

**v.**

**Director General (Courts), Director of the Criminal Courts and Tribunals (Malta), Attorney General, Hon. Minister for Justice, Culture and Local Government**

Preliminari

1. Dan hu appell[1] maghmul mir-rikorrent Alberto Raji-Chang [ir-rikorrent] mis-sentenza moghtija fis-26 ta' Gunju, 2018, [is-sentenza appellata] mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet billi, filwaqt li ddikjarat li l-Ministru intimat mhuwiex legittimu kuntradittur f'dawn il-

[1] B'verbal registrat fl-udjenza tal-20 ta Mejju 2019 id-difensuri tal-partijiet qabblu li s-sentenza ta' din il-Qorti tigi redatta bil-lingwa Maltija

proceduri, cahdet l-ewwel talba tar-rikorrent billi ma irravvizatx ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Il-Fatti

2. Il-fatti rilevanti ghal dan l-appell huma s-segwenti. Ir-rikorrent tressaq kien quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali [Qorti tal-Magistrati] fit-8 ta' Dicembru 2016, fuq rikjesta ghall-estradizzjoni tieghu mill-awtoritajiet tac-Chile[2]. Hu nghata l-helsien mill-arrest taht numru ta' kondizzjonijiet inkluz li jaghmel depozitu ta' €2000[3]; fit-12 ta' Dicembru 2016, gie ordnat jiddepozita ammont ulterjuri ta' €98,000 mill-Qorti Kriminali wara li l-Avukat Generali appella mid-digriet tal-Qorti tal-Magistati. Ir-rikorrent kien lest li jaghmel dan id-depozitu izda d-depozitu fi flus kontanti ma giex accettat mir-Registratur tal-Qrati [Registratur]. Ghalhekk ir-rikorrent ipprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn talab li l-ammont mitlub bhala depozitu jigi mibdul ghal dak li seta' jintlaqa' mir-Registratur fi flus kontanti jew li dik il-qorti tordna lill-istess Registratur jaccetta d-depozitu, izda r-rikors tieghu gie michud[4]. Fil-15 ta' Dicembru 2016, ir-rikorrent ipprezenta rikors iehor

[2] Fol. 31 et seq.
[3] Fol. 37 u 60.
[4] Fol. 66 et seq.

quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn a tenur tal-Artikolu 412B tal-Kodici Kriminali talab li jinheles mill-arrest. Wara li dik il-qorti semghet il-partijiet, ghaddiet sabiex tat decizjoni *in camera* fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti. Id-depozitu ta' €98,000 sar minn terza persuna, fis-27 ta'Dicembru 2016[5] u fl-istess gurnata r-rikorrent inheles mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Mertu

3. Fl-20 ta' Dicembru 2016, ir-rikorrent ipprezenta ir-rikors promotur quddiem l-ewwel Qorti bil-lingwa ngliza fejn talab lil dik il-Qorti:

> "1. To declare his arrest in the proceedings "The Police v. Alberto Raji-Chang" is in violation of Article 5 of the European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms;
>
> "2. To give all the necessary directives in order that his right protected by the said Article 5 be adhered to including his immediate release from arrest; ..".

4. L-intimati l-Avukat Generali u l-Ministru intimat wiegbu ghar-rikors fis-16 ta' Jannar 2017 fejn issottomettew li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet: preliminarjament (a) l-irritwalita` tar-rikors promotur minhabba li sar bil-lingwa ngliza; (b) il-Ministru mhux legittimu kuntradittur; (c) in-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrent stante d-depozitu maghmul skont id-decizjoni tal-Qorti Kriminali u l-konsegwenzjali helsien mill-arrest tieghu;

[5] Fol. 91.

fil-mertu (d) l-arrest tar-rikorrent sar skont il-paragrafu (f) tas-subartikolu 5(1) tal-Konvenzjoni; (e) isegwi li mhux applikabbli s-subartikolu 5(3) tal-Konvenzjoni; (f) dwar il-ksur allegat tal-artikolu 5, ghandu jinghad li l-proceduri ta' estradizzjoni qeghdin jinstemghu b'mod mghaggel u l-arrest kontinwat tar-rikorrent kien biss rizultat ta' rifjut legittimu min-naha tar-Registratur li jiehu minghand l-istess rikorrent id-depozitu sostanzjali fi flus kontanti.

5. L-intimat Diretturi ukoll wiegbu ghat-talbiet tar-rikorrent fejn qalu li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u qajmu s-segwenti eccezzjonijiet: (a) l-irritwalita' tar-rikors promotur minhabba li sar bil-lingwa ngliza; (b) l-intimat mhux legittimu kuntradittur; (c) in-nuqqas ta' interess tar-rikorrent stante li d-depozitu kien sar skont id-decizjoni tal-Qorti Kriminali u l-konsegwenzjali helsien mill-arrest tieghu; fil-mertu (d) ma kien hemm l-ebda ksur; u (e) il-prassi li r-Registratur ma jaccettax flus kontanti f'ammont aktar minn €11,500 kienet wahda legittima msejsa fuq ir-regolamenti dwar il-hasil ta' flus.

Is-Sentenza Appellata

6. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti rilevanti ghal dan l-appell:-

"**Proceduri ta' estradizzjoni**

"Fl-ewwel talba tieghu r-rikorrent qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara illi l-arrest tieghu fil-proceduri "The Police vs Alberto Raji-Chang" hija bi ksur ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-rikorrent ma jispecifikax taht liema sub-artikolu ta' dana l-artikolu huwa qed jivoka dan l-artikolu.

"L-intimati wiegbu li f`dan il-kaz, l-arrest tar-rikorrenti jinkwadra ruhhu taht il-paragrafu (f) tal-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, b'dana li l-arrest tar-rikorrenti sehh stante l-proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qorti Rimandanti fejn qed jintalab ir-ritorn tieghu lejn ic-Chile. Illi ghalhekk dana l-arrest irid jigi ezaminat fil-qafas legali li jipprovdi l-Att dwar l-Estradizzjoni.

"Illi bhala fatt jirrrizulta mill-atti tal-proceduri li r-rikorrenti gie mressaq taht arrest fit-8 ta' Dicembru 2016 fi proceduri ta' estradizzjoni u f'liema seduta r-rikorrenti talab u ottjena l-helsien mill-arrest (ara fol. 31et seq).

"Illi l-art. 5 tal-Konvenzjoni fl-ewwel (1) subinciz jaqra hekk:-

> "Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta u ghas-sigurta tal-persuna.

"Dan l-artikolu jipprotegi d-dritt ghal-liberta tal-individwu kontra l-interferenza arbitrarja tal- Istat, izda fl-istess waqt jirrikonoxxi li jezistu cirkostanzi li jimmeritaw deroga ghal dan id-dritt. Fil-fatt dana l-artikolu jkompli billi jipprovvdi li:

> "Hadd ma ghandu jigi ipprivat mil-liberta tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skond il-procedura preskritta bil-ligi :

"Fosthom l-artikolu 5(f) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li persuna tista' tigi mcahhda mil-liberta' personali taghha fil-kaz li:

> "L-arrest jew id-detenzjoni skond il-ligi ta' persuna biex jigi evitat li tidhol minghajr awtorita fil-pajjiz jew ta' persuna li kontra taghha tkun qed issir kawza ghad-deportazzjoni jew ghall-estradizzjoni.

"Id-disposizzjoni konvenzjonali kontenuta fil-paragrafu (f) hija eccezzjoni ghar-regola generali kontenuta fl-artikolu 5(1).

"Fil-kaz in ezami d-detenzjoni tar-rikorrent kienet tinkwadra ruhha taht wahda mill-eccezzjonijiet li tipprovdi ghalihom it-tieni parti tas-subinciz (1)(f) tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

"L-intimati pero jissottomettu li gialadarba gie stabbilit li l-arrest tar-rikorrenti kien imsejjes skont kif jipprovdi l-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni, ghalhekk ma japplikax l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni u dan peress li l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni japplika jekk id-detenzjoni jew arrest isir fuq suspett ragjonevoli li persuna tkun wettqet reat u cioe jekk id-detenzjoni ssir abbazi tal-artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni. Ghalhekk, skond l-intimati, fil-kuntest ta' estradizzjoni, ir-rikorrenti ma jistax jillamenta mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest stante li l-

artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja ma japplikax fil-kuntest ta' estradizzjoni.

“L-artikolu 5(1)(c) jghid hekk:-

> “L-arrest jew detenzjoni skond il-ligi ta’ persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat.

“It-tielet (3) subinciz jipprovvdi li:-

> “Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1)(c) ta’ dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b`ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien ragonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri.

“Il-helsien jista’ jkun taht kundizzjoni ta’ garanziji biex jidher ghall-proceduri.

“Kif jinghad fil-ktieb, “Theory and Practice of the European Convention on Human Rights” ta’ **Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn u Zwaak** (4th Edit 2006 p 481):

> “Article 5 Paragraph 1 under (f) does not require that the detention of a person against whom action is being taken with a view to deportation or extradition must be reasonably considered necessary, for example to prevent his committing an offence or fleeing.
>
> “In this respect article 5(1) under (f) provides a lower level of protection than article 5 Paragraph 1 under (c): all that is required under (f) is that action is being taken with a view to deportation or extradition.

“Dan, ovvjament, ma jfissirx li persuna tista’ tinzamm arrestata indefinittivament sakemm jigu decizi l-proceduri relattivi fil-konfront taghha. L-istess awturi jghidu dan fil-kuntest tal-kontinwazzjoni tad-detenzjoni (op cit p 482):

> “Thus, although the duration of detention is only mentioned in paragraph 3 of Article 5 and this provision refers only to detentions under paragraph 1(c), the Court stipulates that the period of detention may not exceed a reasonable time. The reasonableness of the length of detention has to be assessed in each individual case.

“Illi fil-kaz in ezami r-rikorrent qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara illi l-arrest tieghu fil-proceduri "The Police vs Alberto Raji-Chang" hija bi ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Huwa minnu li l-proceduri li hemm kontra r-rikorrent huma

fil-qafas tal-proceduri tal-estradizzjoni, izda r-rikorrent qed jilmenta mhux minhabba it-tul tal-proceduri ta’ estradizzjoni, imma billi ghamel sbatax il-guranta l-habs sakemm inghata bail effettiv u huwa jsostni li dan mhux gustifikat taht l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni.

“**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“L-esponent issottometta li r-Registratur tal-Qrati ma kienx accetta illi huwa jiddepozita s-somma ta’ €98,000 ghax din is-somma kienet in eccess ta' hdax-il elf euro (€11,000) li hu kien lest li jaccetta bhala depozitu in cash. Hu jikkontendi li r-Registratur tal-Qorti ma kellu ebda dritt li jeskludi metodu ta' pagament u li jimponi metodu iehor li jinvolvi terzi persuni - bank - li huwa "a subject person" ai termini tal-ligi tal-money laundering. Ighid li dan presubbilment kien fattur illi l-Qorti qieset meta ffissat l-ammont tad-depozitu li kellu jithallas ghax skond hu l-Qorti Kriminali imponiet kundizzjoni li kienet taf li qatt ma setghet tigi onorata mill-esponent minhabba dak li qed jigi deskritt bhala "legal reasons".

“Ir-rikorrent fix-xhieda tieghu jghid li:

“He explained to them (lir-Registratur) that as the Banks had frozen his accounts, he could not do that.(li jgib bank draft). They told him that another person can do that for him. So Dr.Mathew Brincat, a friend of his, produced the draft for €98,000 and he was released.He is facing extradition proceedings from Chile for fraud and money laundering because he applied for Maltese Nationality which was accepted after due diligence was performed. Chile has not produced any type of proof against him for fraud or money laundering.

“Doris Fenech, Director Criminal Court, testified that when a deposit for bail is made there are forms to be filled and in one of them there is a declaration which has to be made whether the money deposited belongs to the person who is making the deposit or to someone else. The reason the Registrar does not accept cash over €10,000 is because of money laundering and they follow the procedure as the banks do, and the threshold is almost the same. The deposit was finally made by Dr Mathew Brincat in the form of a cheque (Dok. DF1 u 2 a fol. 103). The Court as such is not bound by money-laundering regulations but they look at these regulations and follow them. The Court is not a subject person of these regulations. It is a policy which they follow because they are not covered and it has been followed for some time even by her predecessor Mr. Joseph Sacco.This was not the first time that they followed this procedure. In this case we were not suspicious because of the big amount of money which was going to be deposited. What raised their suspicions was the consistency of the amount being paid out in cash not the amount that the Court had imposed as bail.The considerable amount of money that was being paid in cash raised the alarm bells.She would have had no problem had the amount been brought as a bank draft.

"Ir-rikorrent isostni li huwa kien f'posizzjoni li jottempera ruhu mal-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti u ghalhekk in konsegwenza tad-decizjoni arbitrarja tar-Registratur li jiririfjuta li jaccetta depozitu ta' €98,000 in cash, u huwa baqa' jinzamm fi stat ta' arrest illegalment ghal sbatax il-gurnata.

"Is-sottomissjoni tar-rikorrent li l-Qorti Kriminali meta imponiet dak id-depozitu kienet taf li huwa qatt ma seta jonora dik l-ordni minhabba "legal reasons" hi asserzjoni gratwita u ma hi sorretta minn ebda prova. Ir-rikorrent stess ighid li ma kinitx problema ghalih li jhallas dak l-ammont. Il-kwistjoni ma kinitx dwar l-ammont tal-bail iffissat mill-Qorti izda l-mod ta' pagament li ried jaghmlu.

"Ir-rikorrent jissottometti li r-Registratur tal-Qorti ma kellu ebda dritt li jeskludi metodu ta' pagament (cash) u li jimponi metodu iehor (bank draft) li jinvolvi terzi persuni - bank - li huwa "a subject person" ai termini tal-ligi tal-money laundering. Jishaq li r-Registratur mexa fuq "policy" u mhux fuq regolamenti, minhabba "security reasons" relatati maz-zamma u l-iprocessar ta' somom konsiderevoli ta' flus kontanti meta huwa ma kienx "subject person".

"Jibda biex jinghad li fil-proceduri taht l-artikolu 409A tal-Kap. 9 dwar habeas corpus wara li r-rikorrent kien talab ir-rilaxx mid-dentenzjoni, l-istess argumenti tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati u dik il-Qorti kienet iddecidiet li d-detenzjoni kontinwata tar-rikorrent kienet skond il-ligi u li r-rifjut tar-Registratur li jaccetta depozitu ta' cash fl-ammont ta' €98,000 ma kinitx dezijoni arbitraja imma kienet wahda legittima (ara fol. 63 u fol. 66).

"Illi l-policy adottata mir-Registratur tal-Qorti li ma jaccettax depoziti fi flus kontanti ta' aktar minn €11,500 hija prassi msejsa fuq ir-regolamenti dwar il-hasil ta' flus. Il-posizzjoni li r-Registratur jirrikjedi li d-depoziti li jeccedu €11,500 jsiru permezz ta' bank draft hija wahda legittima u intiza biex jitharsu l-ligijiet u r-regolamenti dwar il-hasil tal-flus. Ma jfissirx illi ghaliex l-intimati Registratur u Direttur mhumiex "subject" a fini tal-Money Laundering Act, allura huma bhala istituzzjoni pubblika ma ghandhomx jaraw u jghassu li ma jkunx hemm ksur tal-ligi dwar hasil tal-flus.

"L-intimati kienu gustifikati li joqoghdu attenti u jiehdu prekawzjonijiet u mizuri ragjonevoli (li bihom r-rikorrent gie infurmat) biex jaraw minn fejn ammont daqstant kbir ta' flus in kontanti kien gej qabel isir id-depozitu u jitolbu speci ta' certificate of origin tal-flus jew li jitolbu bank draft. Gie anke suggerit lir-rikorrent li jgib terza persuna biex taghmel id-deopzitu ghalih.

"Inoltre r-Registratur kien aktar milli gustifikat li jiehu mizuri prekawzjonali meta gie infurmat li l-kontijiet bankarji tar-rikorrenti kienu

ffrizati u li kien hemm il-proceduri ta' estradizzjoni fuq allegazzjoni ta' frodi u money laundering.

"Jirrizulta li eventwalment kien sar depozitu minn Dr Mathew Brincat, habib tar-rikorrent, ghalhekk ma jistax jinghad li s-suggeriment tar-Registratur li terza persuna taghmel id-depozitu ghar-rikorrent kienet xi rikjesta impossibili.

"Mhux ragjonevoli da parti tar-rikorrent li jippretendi li r-Registratur jaccetta l-ammont ta' cash offrut b'ghajnejh maghluqa imbaghad wara hu (u mhux ir-rikorrent) jivverifika l-genwinta ta'dawk il-flus. Kieku ghamel hekk imbaghad jekk jirrizultalu xi haga kien ikun tard wisq.

"Il-kwistjoni li kellhom l-intimati ma kinitx dwar l-ammont ta' flus li l-Qorti kienet iffissat bhala depozitu imma l-fatt li dak l-ammont kien ser jithallas in cash u dana qajjem suspett u huma hadu l-prekawzjonijiet li huma dejjem jiehdu f'kazijiet bhala dawn.

"Illi fil-fehma tal-Qorti ghalhekk id-decizjoni tal-Registratur li jitlob bank draft jew depozitu minn terza persuna u li ma jaccettax depozitu in cash ta' €98,000 minghajr certifikazzjoni dwar l-origini ta' dawk il-flus kienet wahda legittima, gustifikata u mhux arbitrarja u konsegwentement id-detenzjoni tar-rikorrent sakemm iddepozita l-flus ma kinitx tikser l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Ma jidhirx li r-rikorrenti inzamm detenut wara li sar id-depozitu u gie rilaxxat".

L-Appell tar-rikorrent

7. Ir-rikorrent ipprezenta l-appell tieghu fis-17 ta' Lulju, 2018, fejn qed jitlob lil din il-Qorti:

"… to vary the judgment delivered by the First Court by revoking it where their first request was rejected and confirming the rest of it and thus declaring that there has been a violation of Article 5 of the European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms following the decision by the Registrar of Courts to refuse the money (legal tender) put forward as a bail deposit in terms of law and the relative Criminal Court.".

8. L-aggravji principali tieghu huma fis-succint: (i) hu kien mizmum arbitrarjament u illegalment taht arrest ghal numru ta' granet; (ii) id-

decizjoni mehuda mir-Registratur kienet tfisser li l-kondizzjonijiet tal-arrest tieghu kienu eccessivi u ma setax jottempora ruhu maghhom.

9. Fir-risposta tieghu l-Avukat Generali jissottometti li l-appell tar-rikorrent hu infondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandu jigi michud. Dwar l-ewwel aggravju mressaq mir-rikorrent, isostni li d-decizjoni tar-Registratur kienet wahda legittima ghaliex hu ghandu d-dmir li jara li l-qrati ma jigux uzati bil-ghan li tigi evitata l-ligi dwar il-hasil ta' flus. Fl-ahhar mill-ahhar hu d-dover tal-Istat li jhares l-interess generali u wkoll il-pubbliku generali kontra r-reati ta' hasil ta' flus. Imbaghad, ghal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju, kien l-ewwel darba fil-proceduri odjerni li r-rikorrenti kien qed iressaq dan l-ilment u b'hekk hu kien qed johrog 'il barra mill-parametri tar-rikors originali tieghu. Jissottometti li f'kwalunkwe kaz ir-Registratur ma ghamel l-ebda kundizzjoni gdida ghall-helsien mill-arrest tar-rikorrent. Il-kondizzjoni kienet giet imposta proprju mill-Qorti Kriminali sabiex jigi assigurat li r-rikorrent jidher fil-proceduri ta' estradizzjoni li gew istitwiti kontrih. Ir-rikjesta tar-Registratur li d-depozitu ma jsirx fi flus kontanti ma kinitx issarraf f'kondizzjoni ohra, izda rikjesta legittima sabiex jigi evitat il-hasil tal-flus permezz tal-qrati.

10. Id-Diretturi intimati wkoll, fir-risposta taghhom qed isostnu li l-appell hu nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud. Fir-rigward tal-ewwel aggravju jinsistu li il-hsieb tal-ewwel Qorti hu korrett, u ghal dak li

jirrigwarda t-tieni aggravju jghidu li r-rikjesta tar-Registratur hija wahda legittima.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.

11. Din il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tar-rikorrent u wkoll ir-risposti rispettivi tal-intimati l-Avukat Generali u l-intimati u tad-Diretturi intimati.

*L-ewwel aggravju: [ir-rikorrent inzamm arbitrarjament u illegalment taht arrest ghal numru ta' granet]*

12. L-ewwel aggravju tar-rikorrent jirrigwarda l-arrest tieghu li skont hu kien wiehed arbitrarju u illegali. Jispjega li l-Qorti Kriminali kienet ordnatlu li jaghmel depozitu ta' €100,000 fir-Registru bhala wahda mill-kondizzjonijiet ghal-helsien mill-arrest. Izda, wara li hu kien gabar il-flus kontanti mill-appartament tieghu u mar jaghmel id-depozitu mar-Registratur, sab li dan ma riedx jaccetta tali depozitu. Jinsisti li dan ir-rifjut ma kienx hemm raguni ghalih fil-ligi jew fid-digriet tal-Qorti Kriminali izda kienet decizjoni arbitrarja mehuda fuq decizjoni ta' persuna fil-kariga ta' Registratur qabel dik prezenti. Jissottometti li l-argument tal-ewwel Qorti huwa wiehed perikoluz fejn din accettat li d-decizjoni tar-Registratur kienet prekawzjoni ragjonevoli ghaliex ma tat l-ebda raguni legali ta' kif l-imsemmi Registratur jista' jmur oltre minn dak ordnat minn qorti u jirrifjuta

li jaccetta depozitu ghall-helsien mill-arrest. B'hekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti tista' tohloq il-problemi fejn l-istitut tal-helsien mill-arrest ikun soggett ukoll ghad-diskrezzjoni tar-Registratur. L-ewwel Qorti naqset ukoll milli tqis li, ghalkemm instab terz biex jaghmel id-depozitu f'ismu, ir-rikorrent ghamel diversi granet arrestat inutilment. Fl-ahhar nett, jghid li dik il-Qorti naqset ukoll milli tikkonsidra li jekk ir-Registratur kien eventwalment isib li l-flus kienu nkisbu minn attivita` illegali, dawn kienu jkunu soggetti ghal konfiska u r-rikorrenti soggett ghall-arrest mill-gdid.

13. L-intimat l-Avukat Generali jghid li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konsiderazzjonijiet taghha meta qieset li r-Registratur kellu r-responsabbilita` li jiehu l-prekawzzjonijiet sabiex fil-qorti ma jkunx hemm hasil ta' flus. Jghid li r-rikorrent mhux qed jilmenta dwar il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest izda mill-fatt li r-Registratur ma kienx accetta flus kontanti bhala depozitu. Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2017, ix-xhud Doris Fenech spjegat ir-raguni ghaliex flus kontanti f'ammonti ta' aktar minn €11,500 ma kienux jigu accettati. Jissenjala li d-decizjoni tar-Registratur kienet wahda legittima sabiex jigi assigurat li l-qrati ma jintuzawx b'mod li jghaddu ammonti ta' flus in vjolazzjoni tal-ligijiet dwar il-hasil ta'flus. L-intimat l-Avukat Generali jghid li ghalhekk sewwa osservat l-ewwel Qorti li dan bl-ebda mod ma jikser il-protezzjoni moghtija mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Min-naha tieghu r-rikorrent kien naqas li juri b'liema mod dan ir-rifjut ta' da parti tar-Registratur holoq detenzjoni

arbitrarja bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Wara kollox, l-estradizzjoni tar-rikorrent kienet qeghda tintalab mill-awtoritajiet tac-Chile proprju fuq reati ta' frodi u hasil ta' flus. Tajjeb ukoll li wiehed iqies li d-decizjoni tar-Registratur bl-ebda mod ma zammet lir-rikorrent milli jaghmel id-depozitu, di fatti d-depozitu fil-fatt sar sussegwentement permezz ta' cekk.

14. Fil-kaz odjern, jirrizulta li m'hemm l-ebda ilment min-naha tar-rikorrent dwar il-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti Kriminali ghall-helsien mill-arrest tieghu sahansitra lanqas dwar l-ammont sostanzjali tad-depozitu mitlub li jaghmel. L-ilment tieghu jirrigwarda l-modalita' tal-pagament ta' dak id-depozitu, rikjest mir-Registratur li fil-fehma tar-rikorrent mexa b'mod arbitrarju u illegali. Jghid li b'hekk hu kien gie mcahhad mill-liberta` tieghu ghaliex tpogga f'pozizzjoni fejn ma setax josserva kondizzjoni imposta mill-Qorti Kriminali.

15. Din il-Qorti taqbel mal-hsieb tal-ewwel Qorti li d-decizjoni tar-Registratur ma tistax validament titqies bhala wahda illegali u arbitrarja. Dik id-decizjoni ma tistax titqies bhala kondizzjoni ohra ghall-helsien mill-arrest tieghu kif qed jippretendi r-rikorrent, izda hija decizjoni mehuda, f'kull kaz bhal dak odjern, ghall-ahjar twettiq tal-amministrazzjoni fil-qrati u issegwi regola amministrattiva jew *policy* li hija kemm ragjonevoli kif ukoll legittima. Kif qalet l-ewwel Qorti, ghalkemm ir-Registratur tal-Qorti u

d-Diretturi mhumiex milquta direttament mid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 373, bhala rappresentanti ta' istituzzjoni pubblika li tara dawk id-dispozizzjonijiet imhaddma fit-twettiq tal-gustizzja, huma xorta ghandhom id-dover li jharsuhom. Din il-Qorti tissenjala li ma jistax ir-Registratur jaghti lok jew jidher li qed jaghti lok ghal jew jiffacilita abbuz tas-sistema tad-depozitu; *multo magis* meta jitqies li huma proprju il-qrati li huma fl-ahhar mill-ahhar imsejha sabiex jinvestigaw reati ta' hasil ta' flus u japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 373. Id-decizjoni tar-Registratur li jimxi b'kawtela kienet aktar minn korretta. Ghalhekk huwa zbaljat l-argument tar-rikorrent li r-Registratur mexa b'mod arbitrarju jew li l-argument tal-ewwel Qorti hu wiehed perikoluz.

16. Ir-rikorrent isostni li r-Registratur ma setax, minghajr gustifikazzjoni legali u bi ksur tas-subartikolu 577(2) tal-Kodici Kriminali u tad-digriet moghti mill-Qorti Kriminali, jirrifjuta l-flus ghall-hlas tad-depozitu. Hawn ir-rikorrent mhux korrett. Ir-Registratur fl-ebda hin ma oggezzjona li jircievi d-depozitu. Kif diga` inghad l-oggezzjoni tieghu kienet tirrigwarda biss il-modalita' tal-pagament. Ir-rikorrent jilmenta li, skont hu, ghalkemm l-ewwel Qorti kkonsidrat id-decizjoni tar-Registratur bhala "*a reasonable precaution*" naqset milli tindika kif legalment dan seta' jisir sabiex b'hekk hu baqa' mizmum taht arrest. Wara kollox, hu kien spjega ghaliex kien impossibili ghalih li hu jaghmel id-depozitu permezz ta' *bank draft* minhabba li l-kontijiet bankarji tieghu kienu gew iffrizati. Din il-qorti

tosserva li dan l-argument tar-rikorrent mhuwiex gustifikat ghax, kif eventwalment issuggerixxa ir-Registratur, id-depozitu seta' jsir minn terza persuna ghan-nom tieghu[6], kif fil-fatt sar. Ghalhekk mhux korrett ir-rikorrent meta jghid li hu kien tpogga f'sitwazzjoni ta' impossibbilita` b'mod li l-arrest preventiv tieghu tkompla ghal din ir-raguni.

17. Ir-rikorrent jissottometti li r-Registratur kellu l-ghazla li jaccetta l-flus kontanti u, jekk sussegwentement jinstab li dawn kienu gejjin b'mod illegali awtoritajiet kellhom id-dritt li jitolbu l-konfiska ta' dawk il-flus u l-arrest tar-rikorrent. Din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, tosserva li fl-eventwalita` li jigu accettati flus kontanti u sussegwentement jirrizulta xi haga illegali fuq verifika tal-provenjenza ta' dawk il-flus, jista' mbaghad ikun tard wisq sabiex terga' tarresta lir-rikorrent. Id-decizjoni tar-Registratur ittiehdet proprju b'mod prudenti biex jigi evitat il-kaz fejn sussegwentement jirrizultalu li hu kellu f'idejh flus gejjin minn attivita' illegali. Il-Qorti terga' ttenni li dik id-decizjoni fid-dawl ta' dan kollu ma tistax titqies ghajr wahda gustifikata u legittima.

18. Ghal dawn ir-ragunijiet issib li l-aggravju tar-rikorrent mhux gustifikat u tichdu.

*It-tieni aggravju tar-rikorrent: [il-kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest kienu eccessivi u ma setghux jintlehqu]*

[6] Xhieda tieghu stess a fol. 83.

19. Ir-rikorrent qed jilmenta li d-decizjoni mehuda mir-Registratur waslet sabiex gew imposti fuqu kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest eccessivi u tant oneruzi li ma setghux jintlahqu minnu. Jispjega li hu ma kellu l-ebda kont bankarju hawn Malta u lanqas familja jew hbieb. Hu allura sab ruhu milqut minn kondizzjoni imposta b'mod arbitrarju mir-Registratur li ma kinitx tohorgu mil-ligi jew mid-digriet tal-qorti,u b'hekk effettivament gie mcahhad mill-helsien tal-arrest moghti lilu mill-Qorti Kriminali.

20. Din il-Qorti fir-rigward, taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-ewwel aggravju, li huma applikabbli ghal dan l-ilment tar-rikorrent. Tirribadixxi li, kif fuq spjegat, id-decizjoni tar-Registratur ma kinitx impozizzjoni ta' kondizzjoni da parti tieghu mal-kondizzjonijiet imposti mill-qrati, izda kienet decizjoni amministrattivia li kienet ragjonevoli, tenut kont tal-ammont tas-somma, u legittima.

21. Ghaldaqstant tqis li anke dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrent billi tichdu, u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, fil-waqt li dawk relatati mal-appell odjern ikunu a kariku tal-istess rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb